MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 15/2010

**Martin Delia**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta' Gunju, 2010 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

**"**L-Arbitru

Ra l-appell

Ra r-risposta

Sema' x-xhieda u ezamina d-dokumenti

Ikkunsidera

> Illi mill-ispezzjoni maghmula mid-Dipartiment tal-Frodi ta’ Beneficcji u Investigazjoni jirrizulta li l-appellant kien ilu nieqes mill-indirizz minnu ddikjarat ghal aktar minn tliet (3) snin. Dana gie konfermat mill-attwali sidien tal-fond, mibjugh lilhom minn bintu stess.
>
> Inoltre l-mara tieghu minnu legalment separata ghamlet zmien ukoll tirrisjedi mieghu.
>
> L-appell qed jigi michud.”

L-appell prezenti huwa identiku ghal dak l-iehor intavolat minn Martin Delia fl-Appell Numru 16/10 fl-istess ismijiet kontestwalment deciz, salv ghal fatt illi f’dan il-kaz si tratta minn Ghajnuna ghal Dizimpjieg fuq it-talba ta’ l-appellanti tad-Dipartiment fis-16 ta’ Mejju, 2007;

A skans ta’ ripetizzjoni din il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet zvolti f’dak l-appell l-iehor u taghmilhom applikabbli *mutatis mutandis* ghall-istanza ta’ l-appell *de quo*.

Ghal motivi premessi u dawk l-ohra zvolti fl-Appell Numru 16/10 fl-istess ismijiet, il-Qorti qeghda tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------